MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2012

Numru 863/2012

**Il-Pulizija**
(Spettur Daniel Zammit)
**vs.**
**Wayne Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Wayne Gatt ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena, iben Saviour u Caroline nee Stevens, mwieled Pieta, nhar it-08 ta’ Jannar 1989, detentur tal-karta ta’ identita bin-numru 39589M u residenti ġewwa Bini tal-Gvern Blk 3 Ent B Flt 5, Triq is-Salvatur, Kalkara, akkuzat talli;

Nhar it-13 ta’ Awwissu 2012, f’xi ħin matul il-ġurnata, ikkommetta serq minn ġewwa l-ħanut tal-Melita sitwat ġewwa Savoy Arcade, Triq ir-Repubblika, Valletta, għad-dannu tas-sidien u diretturi tal-kumpanija Melita plc, liema serq huwa aggravat bil-mezz, li jaqbeż mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€ 232.94) iżda

inqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€ 2329,37) u bil-persuna.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-ammont misruq kien dak ta’ elf, mitejn u tnejn u disghin Euro (€1,292) minn liema ammont l-imputat ghaddielu s-somma ta’ tlett mija u hamsin Euro (€ 350.00) u cekk ta’ sebgha u tmenin Euro u sitta u hamsin centezmu (€ 87.56) sabiex jigu mghoddija lil Melita plc.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.
**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f’dawn il-proceduri, il-fatt li l-fedina penali tal-imputat hija wahda nadifa u l-fatt li l-imputat diga ghadda pagament rapprezentanti bilanc tal-ammont misruq lill-Ufficjal Prosekutur sabiex dan jigu mghoddi lil Melita plc.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(b), 261(c), 261(d), 263(a), 267 u 268(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fil-fehma tal-Qorti, jissusistu cirkostanzi ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin millum u tordna li sa zmien sitt

(6) xhur millum jhallas is-somma ta' tmien mija, erbgha u hamsin Euro u erbgha u erbghin centezmu (€ 854.44) lil Melita plc.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------